# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

24 ta' April 2020
Seduta Urġenti

**Il-Pulizija**
(Spettur Elton Taliana)

***vs***

**Natalie Bonello**
(K.I. Nru. 568675M)

**Il-Qorti,**

1. Rat li Natalie Bonello, ta' 45 sena, imwielda San Ġiljan, fit-2 ta Frar 1975, bint Joseph u Emanuela nee' Hili, residenti fil-Faċilita' Korrettiva (lock up taħt il-Qorti, Valletta) u detentriċi tal-karta ta l-identità' numru 568675(M), tressqet taħt arrest quddiemha (bħala Qorti Istruttorja) illum wara li aktar kmieni l-Qorti kienet ordnat l-ftuħ urġenti tal-Qorti abbażi tal-Avviżi Legali 61 u 65 tal-2020, kif emendati, u ġiet akkużata talli b`diversi atti magħmulin minnha stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b`riżoluzzjoni waħda:

    1. *"Fl-10 ta' Jannar 2020 u fix-xhur ta' qabel din id-data minn ġewwa 88, Triq il- Kbira, Birkirkara ikkommettiet serq ta' ġojjellerija, u/jew affarijiet oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-'lok', bil- 'persuna' u bil-'valur', liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin*

*Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-detriment ta Tonina Pisani anzjana ta' 76 sena u/jew ta persuni oħra;*

2. *Nhar il- 05 ta' Jannar 2020 u fix-xhur ta' qabel din id-data minn ġewwa Ex skola teknika Blk B Flt3, Triq il- Imdina, Birkirkara ikkommettiet serq ta' ġojjellerija u/jew affarijiet oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-'persuna', bil-'lok', u bil-'valur', liema ammont ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) għad-detriment ta' Mary Debattista anzjana ta' 91 sena u/jew ta persuni oħra".*

2. Rat li l-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputata bħala reċidiva ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li hija kienet ġiet misjuba ħatja u kkundannata għal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

3. Rat id-dokumenti esebiti.

4. Rat li wara li nqraw b'mod ċar u sew lill-imputata l-akkużi miġjuba kontra tagħha, wara li sar l-eżami tagħha bla theddid, bla tqegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li l-Qorti staqsiet lill-akkużat jekk tridx u xi trid twieġeb fuq dawn l-akkużi, hija ammettiet l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha.

5. Rat illi wara li ai termini tal-Art. 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti wissiet b'mod l-aktar solenni lill-imputata fuq il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u wara li tata żmien biex terġa lura minnha, din xorta kkonfermat l-ammissjoni tagħha.

6. Rat illi r-reati li bihom qed tiġi akkużata l-imputata huma suġġetti għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija u għaldaqstant ai termini tal-Art. 392A(2) tal-Kap. 9, l-ammissjoni tal-istess imputata ġiet reġistrata fl-atti u l-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet *ex lege* vestita bil-kompetenza biex tagħti lill-imputata dik is-sentenza idoneja skond il-liġi.

**Ikkunsidrat**

7. Illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tagħha, l-imputata effettivament mhijiex ħatja tar-reati addebitati lilha. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

8. Illi fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet, ai termini tal-Art. 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena erogabbli għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" li jkun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra (iżda mhux b'dik

tal-"vjolenza" jew tal-"mezz") hija dik il-piena msemmija fl-Art. 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta iżda però m'għandhiex tingħata fil-minimu tagħha. Issa skond l-Art. 279 imsemmi, subinċiz (a), "jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn € 2,329.37, il-piena ta' priġunerija tkun dik għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin. Dan ifisser li l-piena għar-reati in kwistjoni hija dik ta' ħames xhur sa' tlett snin kull wieħed, liema piena però ma' tingħatax fil-minimu.

9. Illi inoltre jidher ċar mill-fedina penali tal-imputata illi r-reati li ammettiet għalihom f'din il-kawża ġew ripetuti diversi drabi bil-passat. Ai termini tal-Art. 289 tal-Kap. 9, fil-każ ta' reċidiva tad-delitt ta' serq fejn ikun hemm tlett kundanni jew iżjed, il-piena **<u>tista'</u>** tiżdied **<u>minn grad sa' tlett gradi</u>**. Dan ifisser allura illi jekk il-Qorti jidhrilha li għandha tapplika z-żieda fi gradi skond din id-dispożizzjoni tal-liġi, il-piena applikabbli tvarja minn disa' xhur għal erba' snin (f'każ ta' żieda bi grad wieħed), minn sena għal ħames snin (f'każ ta' żieda b'żewġ gradi) u minn tmintax-il xahar għal sitt snin (f'każ ta' żieda bi tlett gradi) U f'kull każ il-piena ma' tkunx tista' tingħata fil-minimu.

10. Illi l-Qorti ma' tistax tinjora l-fedina penali rifrettarja tal-imputata nonostante illi l-motiv wara r-reati kommessi kien dak sabiex jiġi ffinanzjat il-vizzju tad-droga. L-imputata ingħatat diversi opportunitajiet sabiex tirriforma ħajjitha fil-passat iżda din xorta waħda baqgħet fit-triq tad-delinkwenza. Illum il-ġurnata l-imputata filfatt qed tiskonta sentenza oħra ta' priġunerija li ngħatat lilha proprju wara li nstabet ħatja ta' reati ta' serq. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-unika fattur li jimmilita favur sentenza li tqarreb lejn il-minimu huwa dak li l-akkużata ammettiet fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri biex b'hekk iffrankat il-ħin tal-partijiet kollha tal-proċess u kif ukoll iffrankat ħela ta' riżorsi li kienu altrimenti jinħlew.

11. Illi l-Qorti għalhekk wara li qieset in konsiderazzjoni dan kollu tqis li piena karċerarja effettiva ta' tmintax-il xahar (wara żieda ta' żewġ gradi fuq il-piena applikabbli) tkun waħda idoneja fiċ-ċirkustanzi msemmija.

**Deċide**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Artikoli 15A, 49, 50, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kap. 9) issib lill-imputata ħatja fuq ammissjoni tagħha stess tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u**

    i. **Tikkundannaha għal piena karċerarja ta' <u>tmintax-il xahar</u>**;
    ii. **Tordna lill-ħatja sabiex ai termini tal-Art. 15A(1) tikkumpensa lill-vittmi Tonina Pisani (K.I. 522243M) u Mary Debattista (K.I. Nru. 812638M) għall-oġġetti misruqa mingħandhom, liema oġġetti llum ma' jistgħux jiġu restitwiti lilhom minħabba li ġew mibjugħa, billi tħallashom is-somma li qed tiġi ffissata minn din il-Qorti *arbitrio boni***

***viri*** **fl-ammont ta' elfejn ewro (€ 2,000) il-wiehed. Din l-ordni tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

13. **Finalment il-Qorti, kif għamlu qrati oħra qabilha, qed tagħmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minħabba l-problema akuta tad-droga li għandha l-imputata, din tingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex tkun tista' tipprova toħroġ minn dan il-vizzju billi ssegwi programm ta' riabilitazzjoni.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Yesenia Maria Pace**
**Deputat Registratur**